## Il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

### IL-PULIZIJA (SPETTUR NICHOLAS VELLA) V. MIGUEL ZAMMIT (KI. 467997M)

### MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**07/03/2023**

IL-QORTI,

Rat l-imputazzjonijiet segwenti li nħarġu kontra l-imputat:

**BILLI inti akkuzat/a** talli fl-14/05/2022 ghal-habta ta' 01:50 hrs gewwa Triq Dragonara, St. Julians, soqt il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DCA 486;

1. Uzajt, gieghelt jew hallejt lil persuna ohra tuza vettura bil-mutur fit-toroq, ghal uzu tal-vettura minnu jew min dik il-persuna l-ohra minghajr polza ta` assigurazzjoni dwar ir-riskji ta` terzi persuni. **Sec. 3(1), Chap. 104**
2. Kellek vettura bil-mutur fit- triq, kemm ipparkjata, kemm qed tintuza minghajr ma kellha licenza mahruga mill-Awtorita ghatt- Trasport f' Malta u nqast li ggeddida kull sena. **Reg. 13(2) L.S. 368.02**
3. Soqt vettura bil-mutur jew vettura ohra, li ma kelliex licenza **Sec. 15(1)(a)(3), Chap. 65**
4. Bzaqt xi sustanza jew nehhejt mahta mill-imnieher,jew hallejt jew iddepozitajt exkreta materjali tal bniedem, inkluz vomtu jew hallejt jew iddepozitajt xi exkreta materjali tal-annimali fuq xi triq jew xi post pubbliku **Skeda 1, Regolament 4(e), L.S. 549.40**

Semgħet u rat ix-xhieda miġjuba quddiemha u ċioe ix-xhieda ta' PS 1043 James Mallia (affidavit), PC 1492 Jason Caruana (affidavit) u Karen Cremona għal Transport Malta.

Semgħet it-trattazzjoni finali.

Rat l-atti proċesswali.

Qed tagħti din is-

**Sentenza**

Jirriżulta mill-affidavits tal-uffiċjali tal-Pulizija illi fid-data, ħin u lok indikati fil-komparixxi l-imputat daħal bil-vettura tal-għamla Mazda bin-numru ta' reġistrazzjoni DCA 486 minn Triq Dragonara, San Ġiljan, għal ġewwa l-proprjeta' tal-Westin Dragonara fejn wara li dar mar-*roundabout* fid-direzzjoni opposta reġa kiser lejn Triq Dragonara, San Ġiljan, u wara li ħalla l-vettura wieqfa fil-proprjeta' privata fuq msemmija (eżattament qabel ma' wieħed jista' joħroġ għal Triq Dragonara) huwa mar jaqdi l-bżonnijiet tiegħu ma' ħajt faċċata tat-triq. Kien hawnhekk li l-uffiċjali li kienu stazzjonati fixed point/patrol f'dak il-lok waqqfu lill-imputat u widdbuh li dak li kien qiegħed jagħmel kien illegali u daqstant ieħor kienet illegali l-manuvra li kien għadu kif wettaq bil-vettura mar-*roundabout* meta dar magħha fid-direzzjoni opposta.

Minn aktar stħarriġ irriżulta lill-Pulizija illi l-liċenzja tal-vettura u kif ukoll il-polza tal-assigurazzjoni kienu skaduti.

Sussegwentement, ċertu Sarah Barr li kienet bilqegħda fuq in-naħa tal-passiġġier u li hija sid il-vettura talbet lil PC 1492 sabiex iċċaqlaq il-vettura u tipparkjaha fil-*carpark* tal-lukanda u dan ħalliha tagħmel hekk. Irriżulta pero' lill-Pulizija illi l-liċenzja tas-sewqan ta' Sarah Barr kienet revokata u għalhekk it-tnejn li huma ġew infurmati li kienu ser jinħarġu akkużi fil-konfront tagħhom.

Għal kull bwon fini jingħad illi ġie debitament ippruvat illi l-uffiċjali tal-Pulizija in kwistjoni raw lill-imputat isuq il-vettura in kwistjoni u jidhol biha minn Triq Dragonara, San Ġiljan għall-proprjeta' privata msemmija.

Imputazzjoni numru wieħed

Fir-rigward tal-assigurazzjoni, l-imputat ma' ressaq l-ebda prova kuntrarja għal din l-ewwel imputazzjoni u għalhekk il-Qorti trid tapplika l-prezunzjoni *iuris tantum* ai termini tal-Art. 3(1A) tal-Kap. 104 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi kif ġej:

> **'3. (1A) Ikun preżunt li ma kienx hemm polza tal-assigurazzjoni fis-seħħ skont is-subartikolu (1), kemm-il darba min jiġi akkużat b'reat taħt is-subartikolu (1) ma jġibx prova kuntrarja billi juri ċertifikat tal-assigurazzjoni maħruġ taħt l-artikolu 4(4).'**

Inoltre Karen Cremona (Transport Malta) ressqet prova illi l-assigurazzjoni li tkopri l-vettura skadiet fit-30 ta' April 2022. Għalhekk din l-imputazzjoni tirriżulta ppruvata.

Imputazzjoni numru tnejn

Fir-rigward ta' din it-tieni imputazzjoni u ċioe illi l-imputat kellu vettura bil-mutur fit-triq li kienet qed tintuża mingħajr ma kellha liċenzja maħruġa jew mġedda mill-Awtorita' għat-Transport f' Malta, il-Qorti tqis illi rrispettivament minn jekk dan kienx il-każ jew le, il-Qorti xorta waħda hija tenuta ma timponiex il-piena applikabbli liema piena taqa' taħt l-iskeda ta' pieni elenkati taħt ir-Regolament 44(7) tal-L.S. 368.02. Dan għaliex kif ġie deċiż numru ta' drabi mill-Qorti tal-Appell Kriminali[1], l-pieni taħt ir-Regolament 44(7) tal-L.S. 368.02 ma' jistgħux jiġu erogati mill-Qorti stante illi l-leġislatur ma' pprovdiex għal jekk dawn humiex multi jew ammendi. **Il-Qorti tawspika li l-leġislatur li ilu jaf b'din l-anomalija (u oħrajn bħalha) għal numru ta' snin jieħu ħsieb jwettaq l-emendi neċessarji għall-Leġislazzjoni Sussidjarja 368.02 mingħajr iktar dewmien.**

Imputazzjoni numru tlieta

Din l-imputazzjoni u ċioe dik illi l-imputat saq vettura li ma kelliex liċenza hija waħda li tapplika ukoll meta l-liċenzja tkun waħda li skadiet. Stante illi jirriżulta ċar mix-xhiedha ta' Karen Cremona (Transport Malta) illi l-liċenzja tal-vettura kienet skaduta għal diversi xhur din l-imputazzjoni ukoll tirriżulta ppruvata.

Imputazzjoni numru erbgħa

Mill-affidavits tal-uffiċjali tal-pulizija rriżulta ukoll illi l-imputat mar jaqdi l-bżonnijiet tiegħu fil-pubbliku biswit ħajt faċċata tal-lukanda msemmija. Għalhekk din l-imputazzjoni ukoll tirriżulta ppruvata.

**Deċiżjoni**

**Għar-raġunijiet msemmija wara li rat l-artikoli relevanti tal-liġi ossia' l-Art. 3(1) tal-Kap. 104, l-Art. 15(1)(a) tal-Kap. 65 u Reg 4(e) tal-Ewwel Skeda tal-Leġislazzjoni Sussidjarja 549.40, il-Qorti filwaqt li tillibera lill-imputat mit-tieni imputazzjoni, issibu ħati tal-imputazzjonijiet numru wieħed, tlieta u erbgħa u timmultah il-multa komplessiva ta' tlett elef mija u ħamsin euro (€ 3,150). B'żieda mal-piena l-Qorti qegħda tapplika d-**

[1] Ara fost oħrajn **Pulizija v. Carmelo Sammut** (App Krim 85/2015 GG, 30/10/2017) u **Pulizija v. James Zammit** (App Krim 66/2021 GG, 29/11/2021)

**disposizzjonijiet tal-Art. 3(2A) tal-Kap. 104 u tal-Art. 15(3) tal-Kap. 65 u tiskwalifka lill-imputat milli jkollu jew milli jikseb liċenzja tas-sewqan għal żmien sena u xahar.**

| | |
|---|---|
| **V.G. Axiak** | **Y.M. Pace** |
| **Maġistrat** | **Dep. Reġistratur** |